# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 152

Volum 64

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

29 ta' April 2021


Werrej


III *Atti preparatorji*

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

2021/C 152/01 Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Frar 2021 dwar proposta għal regolament dwar is-Swieq fil-Kriptoassi, u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (CON/2021/4) ........ 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2021/C 152/02 Rata tal-kambju tal-euro — It-28 ta' April 2021 ........ 10

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2021/C 152/03 Komunikazzjoni mill-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika tar-Renju tan-Netherlands skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi ........ 11


MT

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK CENTRALI EWROPEW

**tad-19 ta' Frar 2021**

**dwar proposta għal regolament dwar is-Swieq fil-Kriptoassi, u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937**

**(CON/2021/4)**

(2021/C 152/01)

### Introduzzjoni u bażi legali

Fit-18 u fit-30 ta' Novembru 2020 il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talbiet mingħand il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew, rispettivament, għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Swieq fil-Kriptoassi, u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 [1] (minn issa 'l quddiem "ir-regolament propost").

Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, billi r-regolament propost fih dispożizzjonijiet li jaqgħu fost l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE. Dawn jinkludu, b'mod partikolari, it-tmexxija tal-politika monetarja, il-promozzjoni tal-operat bla xkiel tas-sistemi ta' pagament, is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-kontribuzzjoni għat-tmexxija bla xkiel tal-politiki segwiti mill-awtoritajiet kompetenti relatati mal-istabbiltà tas-sistema tas-suq finanzjarju skont l-ewwel u r-raba' inċiżi tal-Artikolu 127(2), u l-Artikoli 127(5), 127(6) u 282(1) tat-Trattat. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

### 1. Osservazzjonijiet ġenerali

1.1. Il-BĊE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea li tistabbilixxi qafas armonizzat fil-livell tal-Unjoni Ewropea għall-kriptoassi u l-attivitajiet u s-servizzi relatati, li jifforma parti mill-pakkett ta' finanzjament diġitali [2] adottat mill-Kummissjoni fl-24 ta' Settembru 2020. Il-BĊE jilqa' wkoll l-għan tar-regolament propost li jindirizza l-livelli differenti ta' riskju maħluqa minn kull tip ta' kriptoassi, ibbilanċjati mal-ħtieġa li tiġi appoġġata l-innovazzjoni. Barra minn hekk, il-BĊE jemmen li qafas armonizzat tal-Unjoni huwa kruċjali sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni fi ħdan is-suq uniku. Minkejja dan, hemm xi aspetti tar-regolament propost relatati mar-responsabbiltajiet tal-BĊE, l-Eurosistema u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) dwar it-tmexxija tal-politika monetarja, l-operat bla xkiel tas-sistemi ta' ħlas, is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà finanzjarja fejn huma meħtieġa aktar aġġustamenti.

1.2. Skont ir-regolament propost, il-kriptoassi, b'mod partikolari ż-żewġ subkategoriji ta' tokens irreferenzjati ma' assi u tokens tal-flus elettroniċi, għandhom dimensjoni ta' sostituzzjoni monetarja ċara, filwaqt li jitqiesu t-tliet funzjonijiet tal-flus bħala mezz ta' skambju, maħżen ta' valur u unità ta' kont. Id-definizzjoni ta' "token irreferenzjati ma' assi" tirreferi għall-funzjoni ta' maħżen ta' valur ("... li jkollu l-għan li jżomm valur stabbli...") [3], filwaqt li d-definizzjoni ta' "token tal-flus elettroniċi" tirreferi kemm għall-funzjoni ta' mezz ta' skambju kif ukoll għall-funzjoni ta' maħżen ta' valur ("...l-għan ewlieni tiegħu jkun li jintuża bħala mezz ta' skambju u li jkollu l-għan li jżomm valur stabbli...") [4].

[1] COM(2020) 593 finali.

[2] Il-pakkett ta' finanzjament diġitali jinkludi strateġija ta' finanzjament diġitali u proposti leġislattivi, biex jiġi żgurat settur finanzjarju kompetittiv tal-Unjoni li jagħti lill-konsumaturi aċċess għal prodotti finanzjarji innovattivi, filwaqt li jiġu żgurati l-protezzjoni tal-konsumatur u l-istabbiltà finanzjarja.

[3] Ara l-punt (3) tal-Artikolu 3(1) tar-regolament propost.

[4] Ara l-punt (4) tal-Artikolu 3(1) tar-regolament propost.

Ir-regolament propost jenfasizza l-funzjoni ta' mezz ta' skambju tat-tokens tal-flus elettroniċi, filwaqt li jinnota li dawn huma "maħsuba primarjament bħala mezz ta' pagament bl-għan li jistabbilizzaw il-valur tagħhom billi jirreferenzjaw biss munita waħda ta' kors legali", u li "bħall-flus elettroniċi, dawn il-kriptoassi huma sostituti elettroniċi għall-muniti u għall-karti tal-flus u jintużaw sabiex isiru l-pagamenti" ([5]). Dan il-ftehim huwa msaħħaħ mill-fatt li l-istrumenti finanzjarji, kif definiti fid-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (minn hawn 'il quddiem il-"MiFID II") ([6]), huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament propost. Fid-dawl ta' dan, il-BĊE jifhem li t-termini tokens irreferenzjati ma' assi u tokens tal-flus elettroniċi huma definiti fir-regolament propost, b'mod sħiħ jew parzjali, bħala sostituti tal-flus.

1.3. Il-BĊE jilqa' l-esklużjoni ġenerali mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament propost tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri meta jaġixxu fil-kapaċità tagħhom bħala awtorità monetarja ([7]), flimkien ma' esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe kriptoassi li eventwalment jistgħu jinħarġu minn banek ċentrali meta jaġixxu fil-kapaċità tal-awtorità monetarja tagħhom u kwalunkwe servizz relatat mal-kriptoassi li l-banek ċentrali jistgħu eventwalment jipprovdu ([8]). Il-BĊE jinnota li r-regolament propost fih ukoll referenzi għat-termini "munita tal-Unjoni" u "bank ċentrali tal-ħruġ" ([9]) u, jekk jinqara flimkien ma' komponent ieħor tal-pakkett ta' finanzjament diġitali li jinkludi wkoll dawk iż-żewġ termini, jiġifieri l-abbozz ta' Regolament dwar reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit ([10]), toħroġ distinzjoni ċara fil-proposti leġiżlattivi tal-Unjoni bejn il-kriptoassi u l-flus tal-bank ċentrali ([11]). Sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni potenzjali fir-rigward tan-natura legali u l-karatteristiċi tal-kriptoassi (jekk u fejn) maħruġa mill-banek ċentrali fil-konfront tal-flus tal-bank ċentrali, ir-regolament propost jista' wkoll jikkonferma b'mod utli li r-regolament propost ma japplikax għall-ħruġ mill-banek ċentrali ta' flus tal-bank ċentrali abbażi tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit (DLT) jew f'forma diġitali bħala komplement għal forom eżistenti ta' flus tal-bank ċentrali, li l-BĊE jista' jawtorizza f'konformità mat-Trattat u l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ").

1.4. Fl-aħħar nett, fir-rigward tad-definizzjoni ta' "kriptoassi" introdotta mir-regolament propost, il-BĊE jinnota li r-regolament propost fih definizzjoni wiesgħa u komprensiva ([12]). Madankollu, sabiex jiġu evitati interpretazzjonijiet diverġenti fil-livell nazzjonali dwar x'jista' jew ma jistax jikkostitwixxi kriptoassi skont ir-regolament propost, biex jgħin fl-għoti ta' servizzi ta' kriptoassi fuq bażi transkonfinali u biex jistabbilixxi sett ta' regoli verament armonizzat għall-kriptoassi, il-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament propost għandu jiġi ċċarat aktar. B'mod partikolari, hija meħtieġa aktar ċarezza fir-rigward tad-distinzjoni bejn kriptoassi li jistgħu jiġu kkaratterizzati bħala strumenti finanzjarji (li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-MiFID II) u dawk li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament propost.

## 2. **Aspetti tal-politika monetarja u tas-sistema ta' pagament**

### 2.1. *Politika monetarja u aspetti monetarji relatati*

2.1.1. Għall-kuntrarju tal-każ ta' kriptoassi użati esklussivament jew bħala mezz ta' ħlas jew bħala maħżen ta' valur, l-implikazzjonijiet tat-trażmissjoni tal-politika monetarja ta' kriptoassi li jissodisfaw dawn iż-żewġ funzjonijiet jistgħu jkunu sinifikanti. F'dan ir-rigward, il-BĊE jinnota l-projbizzjoni fuq il-ħlas tal-imgħax fuq il-kriptoassi stipulata fir-regolament propost ([13]) f'konformità mar-regolament ta' strumenti oħra użati prinċipalment bħala mezz ta' ħlas, bħall-flus elettroniċi. F'dan il-kuntest, din il-projbizzjoni tista' tagħmel l-attrazzjoni relattiva ta' tokens

([5]) Ara l-premessa 9 tar-regolament propost.

([6]) Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva (UE) 2011/61 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

([7]) Ara l-Artikolu 2(3)(a) tar-regolament propost.

([8]) Ara l-premessa 7 tar-regolament propost..

([9]) Ara l-Artikolu 43(1) u l-Artikolu 112(5) tar-regolament propost, rispettivament.

([10]) Proposta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal regolament dwar reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit (COM/2020/594 final). Ara l-premessi 16 u 24, flimkien mal-Artikoli 4(3) u 5(5).

([11]) B'mod speċifiku, fl-Artikolu 4(3) tal-proposta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal regolament dwar reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit, issir referenza għal "flus tal-bank ċentrali", "flus tal-banek kummerċjali", "flus tal-banek kummerċjali f'forma bbażata fuq it-tokens" u "tokens tal-flus elettroniċi".

([12]) Id-definizzjoni ta' "kriptoassi" fir-regolament propost hija kemm speċifika għat-teknoloġija kif ukoll wiesgħa. Dan l-approċċ jitbiegħed minn karatterizzazzjoni ta' kriptoassi li hija teknoloġikament newtrali u preċiża. Ara d-Dokument Okkażjonali Nru 223/2019 tal-persunal tal-BĊE "Crypto-Assets: Implications for financial stability, monetary policy, and payments and market infrastructures" ("Kriptoassi: Implikazzjonijiet għall-istabbiltà finanzjarja, il-politika monetarja, u l-pagamenti u l-infrastrutturi tas-suq") disponibbli fuq is-sit web tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu

([13]) Ara l-Artikoli 36 u 45 tar-regolament propost.

tal-flus elettroniċi u tokens irreferenzjati ma’ assi mill-perspettiva tad-detentur dipendenti fuq l-ambjent tar-rata tal-imgħax. Ma tistax tiġi eskluża għal kollox il-possibbiltà li dan jista’ potenzjalment joħloq flussi ta’ dħul u ħruġ meta l-ambjent tar-rata tal-imgħax jinbidel b’mod sinifikanti, li jista’ jkollu implikazzjonijiet għall-istabbiltà finanzjarja u t-trażmissjoni tal-politika monetarja.

2.1.2. Kriptoassi b’valur nominali stabbli, li jservu bħala mezz ta’ pagament u maħżen ta’ valur, jistgħu jaffettwaw l-istabbiltà u l-kost tal-finanzjament tad-depożiti tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu, li jistgħu joħolqu sfidi għall-abbiltà tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu li jissodisfaw ir-rwol tagħhom ta’ intermedjazzjoni ekonomika. Peress li s-sistema finanzjarja fiż-żona tal-euro hija fil-biċċa l-kbira bbażata fuq istituzzjonijiet ta’ kreditu, bidliet f’daqqa fis-saħħa tal-karta tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu jistgħu jaffettwaw b’mod negattiv l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u l-kapaċità ta’ self tagħhom u, magħha, it-trażmissjoni tal-politika monetarja, għalkemm il-bidliet fis-sistema finanzjarja li jirriżultaw mill-innovazzjoni u l-kompetizzjoni mhumiex per se mhux mixtieqa. F’xenarju ta’ sostituzzjoni sinifikanti tad-depożiti bi kriptoassi, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu jista’ jkollhom bżonn jesploraw sorsi alternattivi ta’ finanzjament, bħall-finanzjament tas-suq monetarju u tal-banek ċentrali, b’effetti fuq l-ispejjeż ta’ finanzjament tal-bank, ir-rati referenzjali tas-suq monetarju, u d-daqs tal-karta tal-bilanċ tal-banek ċentrali.

2.1.3. Fl-aħħar nett, f’xenarju li jinvolvi l-użu mifrux ta’ tokens irreferenzjati ma’ assi u tokens tal-flus elettroniċi, jista’ jkun hemm żieda fid-domanda għal assi sikuri, b’impatt possibbli fuq il-formazzjoni tal-prezzijiet tal-assi, il-valutazzjoni tal-kollateral, il-funzjonament tas-suq monetarju u t-tmexxija tal-politika monetarja. Dan jista’ fl-aħħar mill-aħħar iwassal għal skarsezza kollaterali għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ. Barra minn hekk, użu mifrux ta’ tokens irreferenzjati ma’ assi għal finijiet ta’ ħlas jista’ jisfida r-rwol tal-pagamenti bl-euro, u saħansitra jimmina l-provvista pubblika tal-funzjoni ta’ unità ta’ kont tal-flus.

2.1.4. Minbarra l-kunsiderazzjonijiet tal-politika monetarja msemmija hawn fuq, skont ir-regolament propost, tokens irreferenzjati ma’ assi u tokens tal-flus elettroniċi jkollhom karatteristiċi differenti, inkluż, fir-rigward tal-funzjoni ewlenija tagħhom, il-kompożizzjoni tal-assi ta’ riżerva u d-drittijiet tad-detenturi. F’dan ir-rigward, hemm riskju li minħabba l-użu konkret tagħhom, flimkien mal-importanza sistemika li jistgħu jiksbu, it-tokens irreferenzjati ma’ assi u t-tokens tal-flus elettroniċi *de facto* jkunu ekwivalenti għal istrumenti ta’ ħlas, irrispettivament mill-funzjoni jew l-użu prinċipali tagħhom skont ir-regolament propost. Jekk dan kellu jkun il-każ, it-tokens irreferenzjati ma’ assi u t-tokens tal-flus elettroniċi għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti simili sabiex jiġi evitat ir-riskju ta’ arbitraġġ regolatorju bejn ir-reġimi rispettivi. B’mod partikolari, minħabba li l-karatteristiċi tad-disinn u l-użu tat-tokens irreferenzjati ma’ assi jagħmluhom xierqa għall-użu bħala mezz ta’ ħlas, ikun xieraq, bħala minimu, li l-emittenti jintalbu jagħtu drittijiet ta’ tifdija lid-detenturi ta’ tokens irreferenzjati ma’ assi jew fuq l-emittent jew fuq l-assi ta’ riżerva. Barra minn hekk, jista’ jitqies li tinħoloq kategorija ad hoc ta’ “tokens ta’ pagament” li tissoġġetta tokens irreferenzjati ma’ assi għal sett identiku ta’ rekwiżiti bħal dawk applikabbli għal emittenti ta’ tokens tal-flus elettroniċi. Barra minn hekk, ikun xieraq għall-każ ta’ tokens irreferenzjati ma’ assi sinifikan i li jsiru użati b’mod wiesa’ għal pagamenti fl-Unjoni li l-emittenti ta’ tokens irreferenzjati ma’ assi sinifikanti jiġu soġġetti għall-istess rekwiżiti ta’ awtorizzazzjoni bħal dawk applikabbli għall-emittenti ta’ tokens tal-flus elettroniċi, fejn l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) tqis li jkun xieraq skont il-kriterji ta’ klassifikazzjoni li għandhom jiġu stabbiliti aktar fl-istandards tekniċi regolatorji.

Barra minn hekk, ir-regolament propost jipprevedi li awtorità kompetenti tista’ tirrifjuta awtorizzazzjoni lil emittent ta’ tokens irreferenzjati ma’ assi , *inter alia*, fejn il-mudell ta’ negozju tal-emittent jista’ jkun ta’ theddida serja għall-istabbiltà finanzjarja, it-trażmissjoni tal-politika monetarja jew is-sovranità monetarja ([14]). F’dan ir-rigward, meta arranġament ta’ referenza għall-assi jkun ekwivalenti għal sistema jew skema ta’ pagament, il-valutazzjoni tat-theddida potenzjali għat-tmexxija tal-politika monetarja, u għall-operazzjoni bla xkiel tas-sistemi ta’ ħlas, għandha taqa’ taħt il-kompetenza esklużiva tal-BĊE (jew tal-bank ċentrali nazzjonali tal-ħruġ tal-munita rilevanti tal-Unjoni). Fil-każ tal-euro, dan huwa minħabba li theddida potenzjali tista’ taffettwa b’mod negattiv it-twettiq tal-kompiti bażiċi li għandhom jitwettqu permezz tal-Eurosistema skont it-Trattat, b’mod partikolari t-tmexxija tal-politika monetarja tal-Unjoni u l-promozzjoni tat-tħaddim bla xkiel tas-sistemi ta’ ħlas. Dawn ir-riskji jistgħu fl-aħħar mill-aħħar ikollhom impatt fuq it-twettiq tal-għan ewlieni tal-Eurosistema li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet skont it-Trattat. Minħabba l-aspetti kritiċi li fuqhom qed tintalab il-valutazzjoni tal-BĊE matul il-proċess ta’ awtorizzazzjoni għall-emittenti ta’ tokens irreferenzjati ma’ assi, l-intervent tal-BĊE ma għandux ikun limitat għall-ħruġ ta’ opinjoni mhux vinkolanti f’dawn l-oqsma ta’ kompetenza esklużiva tal-BĊE. Bl-istess loġika, fejn tokens irreferenzjati ma’ assi jista’ jkollhom impatt fuq it-tmexxija tal-politika monetarja jew l-operat bla xkiel tas-sistemi ta’ ħlas fl-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, il-banek ċentrali ta’ dawn l-Istati Membri, li skont it-Trattat iżommu s-setgħat tagħhom fil-qasam tal-politika monetarja skont il-liġi nazzjonali, għandhom ukoll ikunu jistgħu joħorġu opinjoni vinkolanti. Fid-dawl ta’ dak li ntqal iktar “il fuq, il-BĊE jissuġġerixxi li r-regolament

([14]) Ara l-Artikolu 19(2)(c) tar-regolament propost.

propost jiġi emendat kif meħtieġ. Barra minn hekk, il-BĊE jemmen li għandha tingħata aktar kunsiderazzjoni lill-adegwatezza tal-qafas leġiżlattiv attwali skont id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (minn hawn" il quddiem "id-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi") ([15]). B'mod partikolari, l-introduzzjoni ta' tokens tal-flus elettroniċi sinifikanti teħtieġ involviment tal-BĊE (jew tal-bank ċentrali rilevanti ta' Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro) b'mod simili għal dak irrakkomandat fir-rigward tal-awtorizzazzjoni ta' emittenti ta' token irreferenzjat ma' assi. Il-ħruġ ta' tokens tal-flus elettroniċi, speċjalment fejn klassifikat bħala sinifikanti, jeħtieġ valutazzjoni bir-reqqa fir-rigward tal-implikazzjonijiet tal-politika monetarja u t-tħaddim bla xkiel tas-sistemi ta' ħlas.

Barra minn hekk, is-setgħa tal-awtorità kompetenti li tirrifjuta l-awtorizzazzjoni meta l-mudell ta' negozju ta' emittent ta' tokens irreferenzjati ma' assi jkun ta' theddida serja għall-istabbiltà finanzjarja, it-trażmissjoni tal-politika monetarja jew is-sovranità monetarja tassumi li l-awtorità kompetenti tkun tista' tipprevedi b'mod preċiż tali riskji fl-istadju tal-awtorizzazzjoni, li jista' ma jkunx possibbli peress li l-iskala tar-riskji tiddependi fuq l-iskala tal-użu tat-token. F'dan ir-rigward, ir-regolament propost ma jidhirx li jipprovdi għodda ekwivalenti li tippermetti lill-awtorità kompetenti tirreaġixxi jekk token irreferenzjat ma' assi jsir theddida għall-istabbiltà finanzjarja, it-trażmissjoni tal-politika monetarja jew is-sovranità monetarja matul ħajtu. Għalhekk, il-BĊE jissuġġerixxi li l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom ukoll is-setgħa li jieħdu kwalunkwe miżura xierqa biex jiżguraw it-tmexxija xieraq tal-politika monetarja u l-promozzjoni tal-operat bla xkiel tas-sistemi ta' ħlas, u għandhom ikunu meħtieġa jaġixxu skont l-opinjonijiet tal-BĊE u tal-banek ċentrali rilevanti dwar dawn l-aspetti partikolari. Mekkaniżmi addizzjonali li jinċentivaw lill-emittenti biex jillimitaw l-iskala tal-ħruġ, inklużi r-rekwiżiti tal-ittestjar għal stress b'żidiet kapitali possibbli, għandhom jiġu inklużi fir-regolament propost (ara l-paragrafu 3.2.3 aktar 'l isfel).

2.1.5. Barra minn hekk, ir-regolament propost fih diversi referenzi għat-terminu "muniti ta' kors legali li jkunu munita legali". Skont it-Trattati u l-liġi monetarja tal-Unjoni, l-euro hija l-munita unika taż-żona tal-euro, jiġifieri, ta' dawk l-Istati Membri li adottaw l-euro bħala l-munita tagħhom. Fir-rigward tal-Istati Membri li ma adottawx l-euro bħala l-munita tagħhom, it-Trattati jirreferu b'mod konsistenti għall-muniti ta' dawn l-Istati Membri. It-Trattati mkien ma jirreferu għall-euro jew għall-muniti tal-Istati Membri bħala muniti ta' "kors legali". Barra minn hekk, il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro maħruġa mill-BĊE u mill-BĊNi jgawdu minn status ta' munita legali. Dawn il-karti tal-flus u muniti huma denominati f'euro, u bħala tali huma denominazzjonijiet tal-munita unika. F'dan l-isfond, mhuwiex xieraq li ssir referenza f'test legali tal-Unjoni għal "muniti ta' kors legali li jkunu munita legali". Minflok, ir-regolament propost għandu jirreferi għal "muniti uffiċjali", li minnhom il-muniti legali huma espressjonijiet ([16]).

2.1.6. Barra minn hekk, ir-regolament propost fih dispożizzjonijiet fir-rigward tal-arranġamenti ta' salvagwardja li għandhom jiġu stabbiliti mill-fornituri tas-servizzi tal-kriptoassi ([17]). B'mod partikolari, huwa previst li l-fondi tal-klijenti għandhom jitqiegħdu fil-pront ma' bank ċentrali jew istituzzjoni ta' kreditu. Filwaqt li d-dispożizzjonijiet dwar is-salvagwardja huma milqugħa, l-aċċess għall-kontijiet tal-bank ċentrali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-kuntest tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema, jew għas-saldu ta' tranżazzjonijiet b'sistemi anċillari fil-kuntest tal-operazzjonijiet tat-TARGET2, huwa bbażat fuq il-kriterji tal-eliġibbiltà u l-kundizzjonijiet skont il-Linji Gwida applikabbli tal-BĊE ([18]). B'riżultat ta' dan, il-fornituri ta' servizzi ta' kriptoassi għandhom jew ikunu kontropartijiet eliġibbli tal-Eurosistema, jew joperaw permezz ta' bank korrispondenti b'kont fil-bank ċentrali rilevanti tal-Eurosistema. Arranġamenti simili jistgħu japplikaw f'banek ċentrali oħra tas-SEBĊ. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-regolament propost għandu jirreferi għall-arranġamenti ta' salvagwardja ma' bank ċentrali billi jispeċifika li dawn l-arranġamenti jiġu stabbiliti biss meta jiġu ssodisfati l-kriterji ta' eliġibbiltà u l-kundizzjonijiet rilevanti għall-ftuħ ta' kont.

---

([15]) Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7).

([16]) Ara l-preambolu u l-Artikolu 3(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; l-Artikolu 119(2), 140(3) u 282(4) tat-Trattat; u l-Artikoli 2, 10 u 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro (ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1). Ara d-definizzjoni ta' "munita" fl-Artikolu 2 punt (a) tad-Direttiva (UE) 2014/62 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar permezz tal-liġi kriminali, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI (ĠU L 151 21.5.2014, p.1).

([17]) Ara l-Artikolu 63(3) tar-regolament propost.

([18]) Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2014/60) (ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3); Linja Gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta' Diċembru 2012 dwar is-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) (BĊE/2012/27) (ĠU L 30, 30.1.2013, p. 1).

2.2. *Aspetti tas-sistema ta' ħlas*

2.2.1. Marbuta mill-qrib mal-kompiti bażiċi tal-politika monetarja tagħha, it-Trattat u l-Istatut tas-SEBĊ jipprovdu li l-Eurosistema twettaq sorveljanza tas-sistemi tal-ikklerjar u tal-ħlas bħala parti mill-mandat tagħha. Bi-saħħa tar-raba' inċiż tal-Artikolu 127(2) tat-Trattat, kif rifless fl-Artikolu 3(1) tal-Istatut, wieħed mill-kompiti bażiċi li għandhom jitwettqu permezz tas-SEBĊ huwa "li jippromwovi l-operat bla xkiel ta' sistemi ta' pagamenti". Fit-twettiq ta' dan il-kompitu bażiku, "il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jipprovdu faċilitajiet, u l-BĊE jista' jagħmel regolamenti, biex jiżgura sistemi tal-ikklerjar u ta' ħlas effiċjenti u sodi fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjiżi oħrajn" ([19]). Skont ir-rwol ta' sorveljanza tiegħu, il-BĊE adotta r-Regolament (UE) Nru 795/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/28) (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament SIPS") ([20]). Ir-Regolament SIPS jimplimenta l-prinċipji għall-infrastrutturi tas-swieq finanzjarji maħruġa mill-Kumitat dwar is-Sistemi ta' Pagament u Saldu (CPSS) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO) ([21]) (minn hawn 'il quddiem il-"prinċipji CPSS-IOSCO"), li huma legalment vinkolanti u jkopru kemm sistemi ta' pagament ta' importanza sistemika ta' valur kbir kif ukoll bl-imnut, operati jew minn bank ċentrali tal-Eurosistema jew minn entità privata. Il-qafas ta' politika ta' sorveljanza tal-Eurosistema ([22]) jidentifika l-istrumenti ta' pagament bħala "parti integrali mis-sistemi ta' pagament" u għalhekk jinkludihom fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sorveljanza tiegħu. Il-qafas ta' sorveljanza għall-istrumenti ta' pagament bħalissa qed jiġi rieżaminat ([23]). Taħt dak il-qafas, strument ta' pagament (eż. kard, trasferiment ta' kreditu, debitu dirett, trasferiment ta' flus elettroniċi u token ta' pagament diġitali ([24])) huwa definit bħala apparat personalizzat (jew sett ta' apparati) u/jew sett ta' proċeduri miftehmin bejn l-utent ta' servizzi ta' pagament u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament li jintuża sabiex jingħata bidu għal trasferiment ta' valur ([25]). Sal-lum, ir-rwol ta' sorveljant primarju għall-Eurosistema huwa assenjat b'referenza għall-ankra nazzjonali tal-iskema ta' pagament u l-inkorporazzjoni legali tal-awtorità ta' governanza tagħha. Għal skemi pan-Ewropej ta' trasferiment ta' kreditu u skemi ta' debitu dirett fiż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA – *Single Euro Payments Area*), kif ukoll għal xi wħud mill-iskemi internazzjonali ta' pagament bil-kard, il-BĊE għandu r-rwol ewlieni ta' sorveljanza. Il-fornituri tas-servizzi ta' ħlas, inklużi l-istituzzjonijiet ta' kreditu, l-istituzzjonijiet ta' pagament u l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi, huma soġġetti wkoll għall-PSD2. L-oqfsa ta' sorveljanza tal-Eurosistema jikkomplementaw is-superviżjoni mikroprudenzjali tal-fornituri ta' servizzi ta' ħlas, inklużi l-istituzzjonijiet ta' kreditu, l-istituzzjonijiet ta' pagament u l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi, b'aspetti li huma rilevanti minn perspettiva ta' sistema ta' pagament, skema ta' pagament jew arranġament ta' pagament.

2.2.2. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-funzjoni ta' arranġamenti ta' token irreferenzjat ma' assi u token tal-flus elettroniċi li jipprovdu għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' trasferiment jistgħu jikkwalifikaw bħala ekwivalenti għal dik ta' "sistema ta' ħlas" għall-finijiet tas-sorveljanza tal-Eurosistema. Arranġamenti ta' token irreferenzjat ma' assi u token tal-flus elettroniċi jistgħu jikkwalifikaw bħala ekwivalenti għal dawk ta' "sistema ta' ħlas" meta jkollhom l-elementi tipiċi kollha ta' sistema ta' ħlas: (a) arranġament formali; (b) mill-inqas tliet parteċipanti diretti (mingħajr ma jingħaddu l-banek ta' saldu, il-kontropartijiet ċentrali, il-kmamar tal-ikklerjar jew il-parteċipanti indiretti possibbli); (c) proċessi u proċeduri, skont ir-regoli tas-sistema, komuni għall-kategoriji kollha ta' parteċipanti; (d) l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' trasferiment isseħħ fi ħdan is-sistema u tinkludi l-bidu ta' saldu u/jew it-twettiq ta' obbligu (eż. netting) u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' trasferiment, għalhekk, għandha effett legali fuq l-obbligi tal-parteċipanti; u (e) l-ordnijiet ta' trasferiment jiġu eżegwiti bejn il-parteċipanti. B'mod speċifiku, ir-Regolament SIPS jiddefinixxi sistema ta' ħlas bħala "arranġament formali bejn tliet parteċipanti jew aktar, [...] b'regoli komuni u

---

([19]) Ara l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-SEBĊ.

([20]) Regolament (UE) Nru 795/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Lulju 2014 dwar ir-rekwiżiti ta' sorveljanza għal sistemi ta' ħlas sistemikament importanti (BĊE/2014/28) (ĠU L 217, 23.7.2014, p. 16).

([21]) Disponibbli fuq is-sit web tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali fuq www.bis.org.

([22]) Qafas ta' politika ta' sorveljanza tal-Eurosistema, verżjoni riveduta (Lulju 2016) disponibbli fuq is-sit web tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu.

([23]) Ara l-qafas ta' sorveljanza tal-Eurosistema rivedut u kkonsolidat għal strumenti, iskemi u arranġamenti ta' pagament elettroniċi (qafas PISA) disponibbli fuq is-sit web tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu.

([24]) Token ta' pagament diġitali huwa rappreżentazzjoni diġitali ta' valur sostnut minn pretensjonijiet jew assi rreġistrati x'imkien ieħor u li jippermetti t-trasferiment ta' valur bejn l-utenti finali. Skont id-disinn sottostanti, tokens ta' pagament diġitali jistgħu jipprevedu trasferiment ta' valur mingħajr ma neċessarjament jinvolvu parti terza ċentrali u/jew jużaw kontijiet ta' ħlas.

([25]) L-att, mibdi minn min iħallas jew f'isem min iħallas jew minn min qed jitħallas, ta' trasferiment ta' fondi jew tokens ta' pagament diġitali, jew it-tqegħid jew il-ġbid ta' flus kontanti fuq/minn kont tal-utent, irrispettivament minn kwalunkwe obbligu sottostanti bejn min iħallas u min qed jitħallas. It-trasferiment jista' jinvolvi fornitur wieħed jew aktar ta' servizzi ta' ħlas. Id-definizzjoni ta' "trasferiment ta' valur" skont il-qafas PISA titbiegħed minn dak li huwa definit bħala trasferiment ta' "fondi" skont id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35) (minn hawn 'il quddiem "PSD2"). "Trasferiment ta' valur" fil-kuntest ta' "strument ta' pagament" kif definit fil-PSD2 jista' jirreferi biss għal trasferiment ta' "fondi". Taħt il-PSD2, il-"fondi" ma jinkludux tokens ta' pagament diġitali sakemm it-tokens ma jkunux jistgħu jiġu kklassifikati bħala flus elettroniċi (jew b'mod iktar ipotetiku bħala flus skritturali).

arranġamenti standardizzati għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' trasferiment bejn il-parteċipanti" ([26]). F'din id-definizzjoni, l-ordnijiet ta' trasferiment u l-parteċipanti huma definiti f'termini wesgħin li jippermettu l-akkomodazzjoni ta' "kull struzzjoni li tirriżulta mis-suppożizzjoni jew rilaxx tal-obbligazzjoni ta' ħlas" skont id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([27]) u kwalunkwe "entità li tkun identifikata jew rikonoxxuta minn sistema ta' ħlas u li, direttament jew indirettament, titħalla tibgħat ordnijiet lil dik is-sistema u tkun kapaċi tirċievi ordnijiet ta' trasferiment mingħandha", rispettivament ([28]). Sa fejn l-arranġamenti ta' token irreferenzjat ma' assi u token tal-flus elettroniċi jikkwalifikaw bħala "sistemi ta' pagament", il-qafas ta' sorveljanza tas-sistema ta' pagament tal-Eurosistema bbażat fuq il-prinċipji tas-CPSS-IOSCO jkun japplika għalihom.

2.2.3. Bl-istess mod, il-funzjoni tal-arranġamenti ta' token irreferenzjat ma' assi u token tal-flus elettroniċi li jistabbilixxu regoli standardizzati u komuni għall-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas bejn l-utenti finali tista' tikkwalifika bħala "skema ta' ħlas". Minn perspettiva ta' sorveljanza, fejn tokens irreferenzjati ma' assi u tokens tal-flus elettroniċi jinkludu l-euro fl-assi ta' riżerva tagħhom, jew huma denominati f'euro, il-fornitur tas-servizz tal-kriptoassi li huwa responsabbli għall-funzjonament ġenerali tal-iskema ta' ħlas jista' jkun soġġett għall-qafas ta' sorveljanza tal-Eurosistema rivedut u kkonsolidat għall-istrumenti u l-iskemi ta' ħlas. Dan il-qafas ikun applikabbli għal kwalunkwe strument ta' ħlas elettroniku li jippermetti lill-utenti finali jibagħtu u jirċievu valur, u għalhekk japplika irrispettivament mill-kwalifika tal-assi bħala fondi taħt il-PSD2 ([29]).

2.2.4. Ir-rwol ta' sorveljanza tas-SEBĊ ikun kritiku wkoll fir-rigward ta' arranġamenti sinifikanti ta' token irreferenzjat ma' assi u tal-flus elettroniċi minħabba l-effetti ta' indeboliment potenzjali tagħhom fuq il-kapaċità tal-bank ċentrali tal-ħruġ li jimplimenta l-objettivi tal-politika monetarja tiegħu, kif imsemmi qabel. Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, il-kompetenzi tas-SEBĊ skont it-Trattat u l-kompetenzi tal-Eurosistema skont ir-Regolament SIPS għandhom jiġu spjegati b'mod ċar fil-premessi u fil-korp ewlieni tar-regolament propost. Barra minn hekk, il-BĊE u, fejn applikabbli, il-BĊNi rilevanti li l-munita tagħhom mhijiex l-euro għandhom jipparteċipaw fil-proċess għall-klassifikazzjoni ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti u tokens tal-flus elettroniċi sinifikanti, u l-BĊE għandu jiġi kkonsultat dwar l-att delegat li jagħti aktar dettalji dwar il-kriterji li għandhom jintużaw għall-finijiet ta' klassifikazzjoni. Barra minn hekk, ir-regolament propost għandu jirreferi b'mod aktar prominenti għall-interazzjoni potenzjali mal-PSD2 li skont it-test attwali tidher li hija pjuttost limitata ([30]). Eżempju tal-interazzjoni potenzjali bejn ir-regolament propost u l-PSD2 ikun fejn fornitur tas-servizzi jkun qed jikkuntratta ma' min qed jitħallas biex jaċċetta kriptoassi li mhumiex tokens tal-flus elettroniċi. F'każ bħal dan jeħtieġ li jiġi ċċarat jekk tali fornituri jeħtiġux jissodisfaw l-istess rekwiżiti dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, is-sigurtà u r-reżiljenza operattiva bħal fornituri ta' servizzi ta' ħlas regolati. Fl-aħħar nett, jeħtieġ li jiġi ċċarat jekk tali attivitajiet jistgħux ikunu ekwivalenti għall-"akkwist ta' tranżazzjonijiet ta' pagament", kif definit taħt il-PSD2 ([31]).

## 3. **Osservazzjonijiet speċifiċi dwar l-istabbiltà finanzjarja u l-aspetti superviżorji prudenzjali**

### 3.1. *Aspetti ta' stabbiltà finanzjarja*

#### 3.1.1. Arranġamenti superviżorji għall-emittenti ta' tokens tal-flus elettroniċi sinifikanti

3.1.2. Ir-regolament propost jistabbilixxi arranġament superviżorju doppju għall-emittenti ta' tokens tal-flus elettroniċi sinifikanti, issorveljati b'mod konġunt mill-awtorità nazzjonali kompetenti (ANK) responsabbli u l-EBA. Skont dan l-arranġament, l-EBA tkun esklussivament responsabbli biex tiżgura l-konformità ma' rekwiżiti speċifiċi ([32]) minn emittenti ta' token tal-flus elettroniċi sinifikanti, filwaqt li l-ANK rilevanti tissorvelja l-konformità mar-rekwiżiti l-oħra kollha stabbiliti fir-regolament propost.

([26]) Ara l-Artikolu 2, punt (1) tar-Regolament SIPS.

([27]) Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar il-finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 107). Ara l-ewwel inċiż, il-punt (i) tal-Artikolu 2 fejn l-ordni ta' trasferiment hija definita bħala: "kull struzzjoni minn parteċipant sabiex iqiegħed għad-dispożizzjoni ta' riċevitur ammont ta' flus permezz ta' reġistrazzjoni fil-kontijiet tal-istituzzjoni ta' kreditu, bank ċentrali jew aġent għall-ħlas, jew kull struzzjoni li tirriżulta mis-suppożizzjoni jew rilaxx tal-obbligazzjoni ta' ħlas kif definita mir-regoli tas-sistema [...]".

([28]) Ara l-Artikolu 2, punt (18) tar-Regolament SIPS.

([29]) Ara l-qafas ta' sorveljanza tal-Eurosistema għal strumenti, skemi u arranġamenti ta' ħlas elettroniku (Ottubru 2020), disponibbli fuq is-sit web tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu

([30]) Ara l-Artikolu 63(4) tar-regolament propost.

([31]) Ara l-Artikolu 4, punt 44 tal-PSD2.

([32]) Ara l-Artikolu 52 tar-regolament propost.

3.1.3. Is-superviżjoni doppja hija soġġetta għal nuqqasijiet sinifikanti, u kemm tokens tal-flus elettroniċi sinifikanti, kif ukoll it-tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti jkunu sorveljati aħjar fil-livell Ewropew. Ma jidhirx li hemm xi raġuni ekonomika li tiġġustifika arranġamenti superviżorji differenti bejn tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti (soġġetti għal superviżjoni tal-EBA armonizzata) u tokens tal-flus elettroniċi sinifikanti (soġġetti għal superviżjoni doppja mill-EBA flimkien mal-ANK). Is-superviżjoni doppja tista' ttappan ir-responsabbiltajiet u żżid il-kumplessità tal-arranġamenti. Dan jista' jwassal ukoll għal kompiti superviżorji duplikati jew saħansitra kunfliġġenti, pereżempju meta l-ANK jissorveljaw emittenti ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti jew tokens tal-flus elettroniċi sinifikanti li jipprovdu servizzi oħra ta' kriptoassi. Il-BĊE jemmen li tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti u tokens tal-flus elettroniċi sinifikanti jkunu sorveljati aħjar fil-livell Ewropew, peress li dan jiżgura ħarsa ġenerali komprensiva tar-riskji u l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet superviżorji u, fl-istess ħin, jevita l-arbitraġġ regolatorju.

3.1.4. L-arranġament superviżorju doppju propost jiġi implimentat flimkien mal-oqfsa superviżorji eżistenti. B'mod speċifiku, meta l-emittent tat-tokens tal-flus elettroniċi sinifikanti jkun istituzzjoni ta' kreditu, is-superviżjoni doppja twassal għal aktar kumplikazzjonijiet, minħabba li l-emittent jista' jkun istituzzjoni ta' kreditu sinifikanti ssorveljata mill-BĊE abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 ([33]) (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament MSU"). Ir-regolament propost jissoġġetta lill-emittent għal tliet awtoritajiet superviżorji differenti: (I) l-ANK rilevanti, (ii) l-EBA u (iii) il-BĊE. F'dan ir-rigward, l-esperjenza u l-għarfien espert tal-ANK fis-superviżjoni tal-emittenti u l-fornituri tas-servizzi tat-tokens tal-flus elettroniċi jistgħu jiġu ingranati b'mod utli bħala parti mis-sħubija tagħhom fil-korp li jieħu deċiżjonijiet tal-EBA, u permezz tat-timijiet superviżorji konġunti fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti kif ukoll fil-kulleġġ superviżorju li għandu jiġi stabbilit għal kull token tal-flus elettroniċi sinifikanti ([34]).

3.1.5. Fl-aħħar, meta l-emittent ta' stablecoins sinifikanti jkun istituzzjoni ta' kreditu sinifikanti, ir-responsabbiltajiet u l-kompiti superviżorji tal-EBA u tal-BĊE għandhom jiġu ċċarati wkoll biex jiġu evitati duplikazzjonijiet u kunflitti potenzjali. B'mod speċifiku, l-obbligu tal-EBA li tinforza l-konformità tal-emittent mar-rekwiżiti stabbiliti fir-regolament propost m'għandux jirkeb fuq is-superviżjoni tar-rekwiżiti prudenzjali infurzati mill-BĊE fir-rwol superviżorju bankarju tiegħu.

3.2. *Rekwiżiti għal fondi proprji u l-investiment ta' assi ta' riżerva*

3.2.1. L-istabbiliment ta' rekwiżiti prudenzjali għall-emittenti ta' tokens irreferenzjati ma' assi u tokens tal-flus elettroniċi huwa milqugħ, peress li, għar-raġunijiet imsemmija qabel f'din l-opinjoni, dawk it-tokens jistgħu joħolqu riskji għat-tmexxija tal-politika monetarja u għall-operat bla xkiel tas-sistemi ta' ħlas. Is-salvagwardji proposti biex jipproteġu s-sikurezza tal-assi ta' riżerva tat-tokens, jekk l-emittent jiddeċiedi li jinvesti parti mir-riżerva, huma milqugħa wkoll.

3.2.2. Ir-rekwiżiti prudenzjali u tal-likwidità imposti fuq l-emittenti ta' stablecoins għandhom ikunu proporzjonati mar-riskji li dawk it-tokens jistgħu joħolqu għall-istabbiltà finanzjarja. Ir-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti fir-regolament propost għal emittenti sinifikanti ta' stablecoins huma għalhekk milqugħa. Minkejja dan, dawn ir-rekwiżiti addizzjonali jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw ir-riskji dejjem akbar fejn l-istablecoins jintużaw ħafna bħala mezz ta' pagament jew bħala maħżen ta' valur f'ġurisdizzjonijiet multipli madwar l-Unjoni. Barra minn hekk, emittenti ta' stablecoin li mhumiex istituzzjonijiet ta' kreditu ma jkollhomx aċċess għall-funzjoni ta' mutwanti tal-aħħar istanza tal-banek ċentrali. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-BĊE għandu l-kummenti li ġejjin x'jagħmel.

3.2.3. L-ewwel nett, ir-regolament propost jippermetti lill-ANK taġġusta,'il fuq jew 'l isfel, ir-rekwiżit ta' fondi proprji ta' 2 % tal-ammont medju tal-assi ta' riżerva sa 20 % għal emittenti ta' stablecoins (inqas sinifikanti). Fil-każ ta' emittenti sinifikanti, mhu permess l-ebda aġġustament għas-superviżur mir-rekwiżit ta' 3 %. Setgħat addizzjonali tat-tip pillar-2 għandhom jingħataw lis-superviżur, speċjalment għal emittenti sinifikanti, minħabba r-riskji ogħla tagħhom għall-istabbiltà finanzjarja. B'mod speċifiku, emittenti sinifikanti tal-istablecoins għandhom ikunu meħtieġa li jwettqu, fuq bażi regolari, ittestjar għal stress li jqis xenarji ta' stress severi iżda plawżibbli finanzjarji (eż. xokkijiet fir-rata tal-imgħax) u mhux finanzjarji (eż. riskju operazzjonali). Meta emittent ta' dawn it-tokens joffri żewġ kategoriji jew aktar ta' tokens ta' kriptoassi u/jew jipprovdi servizzi ta' kriptoassi, it-testijiet għal stress għandhom ikopru dawn is-servizzi u l-attivitajiet kollha b'mod komprensiv u olistiku biex titqies il-kostellazzjoni

([33]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

([34]) Ara l-Artikolu 101(1) tar-regolament propost.

tar-riskju komposta li tirriżulta mill-istruttura kumplessa tagħhom. Abbażi tal-eżitu ta' tali testijiet tal-istress, is-superviżur jenħtieġ li jkollu s-setgħa li jimponi rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali minbarra r-rekwiżit ta' 3 % li jenħtieġ li jkun proporzjonat għar-riskji identifikati. Rekwiżiti u setgħat simili għall-ittestjar tal-istress għas-superviżur jistgħu jiġu introdotti għal emittenti inqas sinifikanti, li jippermettu lis-superviżuri biex fil-prinċipju jmorru lil hinn miż-żieda ta' 20 % tar-rekwiżit ta' 2 % f'ċerti ċirkostanzi, minħabba l-prospettiva tar-riskju u r-riżultati tat-testijiet tal-istress.

3.2.4. It-tieni nett, emittenti kemm ta' tokens irreferenzjati ma' assi kif ukoll tokens tal-flus elettroniċi jistgħu jkunu esposti b'mod ugwali għar-riskju ta' "assalti", b'riskji possibbli ta' kontaġju għall-bqija tas-sistema finanzjarja u riskji assoċjati għall-istabbiltà finanzjarja. Għalhekk huwa importanti li tali emittenti jkunu soġġetti għal rekwiżiti armonizzati li jikkonċernaw l-investiment tal-assi ta' riżerva, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet indaqs u jsegwu l-prinċipju tal-"istess negozju, l-istess riskju, l-istess regola" bejn tokens irreferenzjati ma' assi u tokens tal-flus elettroniċi. Rekwiżiti rigorużi ta' likwidità għal emittenti ta' stablecoins, b'mod partikolari emittenti sinifikanti, huma kruċjali wkoll biex ikunu jistgħu jifilħu għal pressjonijiet fuq il-likwidità u jimminimizzaw ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja. B'mod speċifiku, l-arranġamenti ta' stablecoin u l-assi ta' riżerva tagħhom għandhom similaritajiet mal-fondi tas-suq monetarju. F'dan ir-rigward, ir-Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([35]) jirrikjedi li l-fondi tas-suq monetarju jżommu riżervi ta' likwidità sinifikanti fil-każ ta' skossi f'daqqa tal-fluss ta' ħruġ. L-emittenti ta' stablecoin għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-likwidità li huma mill-inqas konservattivi daqs dawk imposti fuq fondi tas-suq monetarju b'valur nett kostanti tal-assi, li għandhom jiġu żviluppati fi standards tekniċi regolatorji. Rekwiżiti ta' investiment konservattivi bħal dawn, li għandhom jiġu żviluppati fl-istandards tekniċi regolatorji, jistgħu jżidu l-kapaċità tal-assi ta' riżerva ta' stablecoins biex jifilħu għal xenarji serji tal-fluss ta' ħruġ. Barra minn hekk, emittenti sinifikanti ta' stablecoins għandhom ikunu meħtieġa jwettqu testijiet għal stress tal-likwidità fuq bażi regolari, u skont l-eżitu ta' tali testijiet, is-superviżur għandu jkollu s-setgħa li jsaħħaħ ir-rekwiżiti tar-riskju tal-likwidità.

3.2.5. Fl-aħħar nett, ir-regolament propost ma jimponi l-ebda restrizzjoni biex jipprevjeni konċentrazzjoni possibbli ta' kustodji jew investiment tal-assi ta' riżerva. In-nuqqas ta' limiti għal konċentrazzjoni possibbli jista' jimmina s-sikurezza tal-assi ta' riżerva u jissoġġetthom għal riskji idjosinkratiċi ta' kustodji u emittenti tad-dejn partikolari. Ir-regolament propost għandu jipprovdi għalll-introduzzjoni ta' salvagwardji għall-prevenzjoni ta' tali konċentrazzjoni, li għandhom jiġu żviluppati fi standards tekniċi regolatorji.

3.3. *Aspetti superviżorji prudenzjali*

3.3.1. Il-BĊE u l-ANK rilevanti huma l-awtoritajiet kompetenti li jeżerċitaw setgħat superviżorji prudenzjali skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([36]) (imsejjaħ ukoll is-"CRR") u d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([37]) (imsejħa wkoll "CRD"), li jistabbilixxu b'mod konġunt il-qafas tas-CRR/CRD. Barra minn hekk, ir-Regolament MSU jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-BĊE fir-rigward tas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro u jżomm lill-BĊE responsabbli għall-funzjonament effettiv u konsistenti tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) li fih jitqassmu r-responsabbiltajiet superviżorji prudenzjali speċifiċi bejn il-BĊE u l-ANK parteċipanti. B'mod partikolari, il-BĊE jwettaq il-kompitu li jawtorizza u jirtira l-awtorizzazzjonijiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha ([38]). Għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti, il-BĊE għandu wkoll il-kompitu, fost l-oħrajn, li jiżgura konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni li timponi rekwiżiti prudenzjali fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu, inkluż ir-rekwiżit li jkun hemm fis-seħħ arranġamenti ta' governanza robusti, bħal proċessi sodi ta' ġestjoni tar-riskju u mekkaniżmi ta' kontroll intern ([39]). Għal dan il-għan, il-BĊE jingħata s-setgħat superviżorji kollha biex jintervjeni fl-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu.

([35]) Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-fondi tas-suq monetarju (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 8).

([36]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([37]) Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

([38]) Ara l-Artikolu 4(1)(a), l-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 14 tar-Regolament MSU.

([39]) Ara l-Artikolu 4(1)(e) u l-Artikolu 6(4) tar-Regolament MSU.

3.3.2. Skont ir-regolament propost, l-Istati Membri huma meħtieġa jaħtru l-ANK responsabbli għat-twettiq tal-funzjonijiet u d-dmirijiet previsti fir-regolament propost ([40]). Barra minn hekk, ir-regolament propost fih referenza ġenerika għall-ħtieġa li l-ANK jikkoordinaw mal-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni jew is-sorveljanza ta' attivitajiet għajr dawk imwettqa minn emittenti u fornituri ta' kriptoassi skont ir-regolament propost ([41]). Fil-fatt, is-setgħat superviżorji attribwiti lill-ANK skont ir-regolament propost ([42]) jista' jkollhom ukoll implikazzjonijiet prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, bħal fil-każ li jirrikjedu divulgazzjoni addizzjonali jew li jirrikjedu l-iffriżar jew is-sekwestru tal-assi. F'każijiet bħal dawn, is-sejħa għal kollaborazzjoni ma' awtoritajiet oħra tista' ma tkunx biżżejjed ([43]).

3.3.3. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, huwa tal-akbar importanza li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' koordinazzjoni ċar, li jinkludi proċessi u skedi ta' żmien definiti b'mod ċar rigward aspetti ta' notifika, bejn l-ANK rilevanti u l-BĊE fir-rwol tiegħu bħala superviżur prudenzjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti meta jkollhom l-intenzjoni li joħorġu kriptoassi u/jew jipprovdu servizzi relatati mal-kriptoassi. Mekkaniżmu ta' koordinazzjoni ċar jiżgura li l-kompetenzi rispettivi tal-ANK u tal-BĊE jkunu jistgħu jitwettqu b'mod f'waqtu, effettiv u konsistenti. Dan jiżgura wkoll il-konformità mar-regolament propost mill-emittenti u l-fornituri ta' kriptoassi. Ir-regolament propost għandu jirreferi għal obbligu tal-ANK li jinnotifikaw lill-BĊE f'każijiet fejn istituzzjoni ta' kreditu sinifikanti toħroġ white paper, ikollha l-intenzjoni li tipprovdi wieħed mis-servizzi ta' kriptoassi jew tikser ir-regolament propost.

3.3.4. Barra minn hekk, fejn istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti joħorġu tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti u tokens tal-flus elettroniċi sinifikanti, japplika l-arranġament superviżorju doppju bejn l-ANK rilevanti u l-EBA. F'dan il-kuntest, huwa meħtieġ li jiġi spjegat aktar x'tinvolvi s-superviżjoni tal-EBA fil-prattika. Barra minn hekk, dan l-arranġament superviżorju doppju jeħtieġ ukoll li jqis ir-rwol superviżorju tal-BĊE sa fejn huma kkonċernati istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti, b'mekkaniżmi ta' koordinazzjoni aktar ċari, inkluż qafas ta' notifika ċar, u l-inklużjoni tal-BĊE fir-rwol tiegħu bħala superviżur prudenzjali fil-kulleġġ. Fl-aħħar nett, ir-regolament propost għandu jirreferi b'mod espliċitu u konsistenti għall-awtoritajiet superviżorji prudenzjali kemm għat-tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti kif ukoll għat-tokens tal-flus elettroniċi sinifikanti ([44]).

Fejn il-BĊE jirrakkomanda li r-regolament propost jiġi emendat, il-proposti ta' abbozzar speċifiċi huma stabbiliti f'dokument ta' ħidma tekniku separat akkumpanjat minn test ta' spjegazzjoni f'dan is-sens. Id-dokument ta' ħidma tekniku huwa disponibbli bl-Ingliż fuq EUR-Lex.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-19 ta' Frar 2021.

*Il-President tal-BĊE*

Christine LAGARDE

([40]) Ara l-Artikolu 81 tar-regolament propost.

([41]) Ara l-Artikoli 85 u 110 tar-regolament propost.

([42]) Ara l-Artikolu 82 tar-regolament propost.

([43]) Ara l-Artikolu 82(4)(b) tar-regolament propost.

([44]) Ara l-Artikoli 99(2)(i) u 101(2)(b) tar-regolament propost.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**It-28 ta' April 2021**

(2021/C 152/02)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,2070 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4955 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 131,47 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 9,3696 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4360 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6711 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,86988 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,6010 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,1110 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 344,95 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,1044 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 17,3156 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 148,80 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,8268 |
| NOK | Krona Norveġiża | 9,9795 | HRK | Kuna Kroata | 7,5593 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 17 501,50 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,960 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,9523 |
| HUF | Forint Ungeriż | 361,75 | PHP | Peso Filippin | 58,547 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,5859 | RUB | Rouble Russu | 90,0220 |
| RON | Leu Rumen | 4,9288 | THB | Baht Tajlandiż | 37,852 |
| TRY | Lira Turka | 9,8677 | BRL | Real Brażiljan | 6,5620 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,5576 | MXN | Peso Messikan | 24,1724 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 89,8890 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Komunikazzjoni mill-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika tar-Renju tan-Netherlands skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi

(2021/C 152/03)

Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika b'dan qed javża li rċieva applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tal-prospettar għall-idrokarburi fis-segmenti tal-blokok L07e u L08f, kif indikat fuq il-mappa mehmuża bħala l-Anness 3 tar-Regolament Minerarju (Mijnbouregeling).

Is-segment tal-blokka L07e huwa delimitat biċ-ċrieki l-kbar bejn il-pari vertiċi A-B, B-D u A-D.

Is-segment tal-blokka L07e ikopri erja ta' 30,8 km$^2$.

Is-segment tal-blokka L08f huwa delimitat biċ-ċrieki l-kbar bejn il-pari vertiċi B-C, C-D u B-D.

Is-segment tal-blokka L08f ikopri erja ta' 10,2 km$^2$.

Il-vertiċi huma ddefiniti kif ġej:

| Vertiċi | ° | " | " E | ° | ' | "" N |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A | 4 | 13 | 55,046 | 53 | 29 | 57,287 |
| B | 4 | 19 | 55,046 | 53 | 34 | 57,301 |
| C | 4 | 21 | 55,054 | 53 | 31 | 57,296 |
| D | 4 | 19 | 55,055 | 53 | 29 | 57,291 |

Il-vertiċi msemmija hawn fuq huma ddefiniti skont il-koordinati ġeografiċi tagħhom, ikkalkulati skont is-sistema ETRS89.

Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi b'dan qed jistieden lill-partijiet interessati biex iressqu applikazzjoni kompetittiva għall-awtorizzazzjoni tal-prospettar għall-idrokarburi fis-segmenti tal-blokok L07e u L08f fil-blata kontinentali tan-Netherlands, b'referenza għad-Direttiva msemmija fl-introduzzjoni u l-Artikolu 15 tal-Att Minerarju (Mijnbouwwet).

Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika huwa l-awtorità kompetenti għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet. Il-kriterji, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 5(1), 5(2) u 6(2) tad-Direttiva msemmija hawn fuq huma stipulati fl-Att Minerarju.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu għal 13-il ġimgħa mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u għandhom jiġu indirizzati lil:

De Minister van Economische Zaken en Klimaat
ter attentie van de heer J.L. Rosch, directie Energie en Omgeving
Bezuidenhoutseweg 73
Postbus 20401,
2500 EK Den Haag
NEDERLAND

Indirizz tal-posta elettronika:mijnbouwvergunningen@minezk.nl

L-applikazzjonijiet li jaslu wara li jiskadi dan il-perjodu ma jiġux ikkunsidrati.

Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet se tittieħed, fil-prinċipju, sa mhux iktar tard minn 12-il xahar wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu.

Għal iktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lis-Sinjura E. Aygün,
fuq in-numru tat-telefon: +31 611223780.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT